**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 13 – IT-TNEJN, 21 TA' OTTUBRU 2013 FIS-6:00PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 12**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2. Punti li joħorġu mill-minuti**

2.1 Fil-paragrafu 6.7 ġie deċiż li d-deadline biex il-Kunsillieri jissottomettu l-artiklu tagħhom għall-fuljett tal-kunsill għall-ħarga ta' Diċembru se jkun is-7 ta' Novembru.

**3 Pagamenti Numru 11**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**4. Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li għandu laqgħa mal-Onor Michael Farrugia u l-Onor Joe Mizzi rispettivament nhar it-Tlieta, 22 ta' Ottubru rigward it-talba ta'

devoluzzjoni għall-bini f'Ta' Żwejt. It-talba għal-laqħa mal-Onor Josè Herrera għada pendenti.

4.2 Il-Kunsill ġie infurmat li l-kawża kontra s-Sur Joe Aguis ġiet diferita minħabba li sar ftehim fejn Aguis ħallas nofs is-somma immedjatament u l-kumplament se jitħallsu sal-aħħar tas-sena. F'Jannar jitħallsu l-ispejjeż u l-interessi.

4.3 Il-Kunsill iddiskuta l-inkjesta li kellha tkun konkluża fl-aħħar tax-xahar ta' Settembru rigward ix-xiri tal-uffiċċju tal-Kunsill. Ġie deċiż issir talba għall-konklużjoni ta' din l-inkjesta kif ukoll ir-rapport tal-Perit tal-Bord.

4.4 Kien hemm diskussjoni rigward il-Kuntrattur MI Installations. Dan mhux qed jagħmel ix-xoghol mitlub mill-Kunsill. Dan il-kuntrattur ġie mqabbad permezz ta' sejħa għall-stima. Ġie deċiż li fil-laqgħa li jmiss jintgħażel kuntrattur ieħor.

**5 Korrispondenza**

5.1 Ġiet innutata l-Press Conference biex jitħabbru fondi għall-attivitajiet kulturali mill-Kunsilli Lokali. Ġie deċiż li nattendu għal din il-Press Conference kif ukoll napplikaw għall-fondi biex tittella' l-Musical.

5.2 Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv jġedded 75.25 siegħa leave għas-sena d-dieħla minħabba li ma għamilx użu minnhom minħabba pressjoni ta' xogħol.

5.3 Ġie deċiż li jiġu ordnati d-diaries għas-sena l-ġdida. Is-Sindku u l-Viċi Sindku infurmaw li m'hemmx għalfejn jiġu ordnati għalihom.

5.4 Ġew innutati ittri anonimi li waslu l-Kunsill indirizzati lil żewġ Kunsillieri. Dawn l-ittri kellhom allegazzjonijiet. Dawn l-ittri ġew mgħoddija lill-pulizija.

**6. Affarjiet oħra.**

6.1 Is-Sur Dominic Cassar ġab għall-attenzjoni kurduna tal-bankina mkissra fi Triq il-Kappella kantuniera ma' Vjal ir-Riħan. Ġie deċiż li din tiġi rranġata flimkien ma' dik fi Triq San Ġwann tal-Għorgħar kantuniera ma' Triq in-Naxxar. Hu semma wkoll plot vojta fi Triq it-Tellerit. Din hija mimlija rubbish. Ġie deċiż li jiġi infurmat id-Dipartiment tas-Saħħa. Hu informa lill-Kunsill li meta jsiru xi bozoz ġodda għandhom jiġu kkunsidrati dawn il-postijiet minħabba li hemm ftit dlam. Dawn it-toroq huma Triq il-Bies, Triq il-Venew, Triq G Briffa, Triq Wigi D'Amato u Triq tal-Balal. Hu informa lill-Kunsill li dawn l-aħħar 15-il ġurnata saru 22 tibdil ta' bozoz mill-Enemalta u 25 mill-kuntrattur tal-Kunsill. Ġie deċiż li jsiru żewġ bollards fi Triq Ta' Żwejt. Kien hemm qbil li jitħalla jsiru żewġ bollards minn resident fi Triq San Franġisk. Għandha ssir talba għall-ħaddiema tal-IPSL.

6.2 Is-Sur Mikhail Micallef informa lill-Kunsill li l-bellisha crossing fi Vjal ir-Riħan mhux qed taħdem. Hu staqsa wkoll fuq il-billboard li tinsab ħdejn il-Mekkek Bar. Ġie infurmat li hemm enforcement notice mill-MEPA fuq din.

6.3 Is-Sur Trevor Fenech ippreżenta informazzjoni rigward l-Interactive Notice Boards li għandhom jitwaħħlu f'San Ġwann. Dawn ser ikunu bla ħlas. Kien hemm qbil fuq dawn. Hu talab ukoll biex Triq is-Santwarju quddiem Picka Sweet issir 30-minute parking biex ikun jista' jħott dan il-ħanut. Din it-talba ma ġietx aċċettata minħabba li hemm un/loading bay ftit il-bogħod. Hu ta informazzjoni fuq NGO mill-Polonja, Siemacha biex isir ġemellaġġ. Għandha naraw l-iżvillup ta' dan.

6.4 Is-Sinjura Rita Saliba talbet biex issir reminder lil TM rigward in-numru ta' Reserved Parking Bays f'San Ġwann. Hi talbet biex isiru parking bays fi Triq

Bella Vista, ħdejn Cartridge World, kif ukoll refreshing fil-parti t'isfel fi Triq Massabielle.

6.5 Is-Sur Malcolm Abdilla informa li hemm bżonn ta' kollezzjoni għall-scattered bulky refuse madwar il-lokal. Hu ippreżenta kopja ta' ftehim mal-BAG. Ma kienx hemm deċiżjoni fuq din. Hu ġab għall-attenzjoni fuq xogħol ta' kostruzzjoni li qed isir fi Triq il-Korvu kantuniera ma' Triq Birkirkara. Qed ikun hemm trakkijiet ipparkjati ħażin. Għandhom jiġu infurmati l-wardens fuq din. Informa ukoll li hemm skemi mill-ETC rigward taħriġ għall-ħaddiema.

6.6 Is-Sinjura Marica Bayliss informat lill-Kunsill rigward l-attivitajiet tal-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan. Għandha ssir applikazzjoni għal servizz ta' dawl temporanju.

6.7 Is-Sur Dominic Cassar talab ukoll biex Triq is-Sardinell issir Residents Parking. Saret diskussjoni imma ma kienx hemm konklużjoni fuq din.

## 7. Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 4 ta Novembru 2013 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**